**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2010**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| **IR-RABA' SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** _____________

**Taqsima A** **(20 marka)**

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Min kien il-mexxej tal-poplu Lhudi li ħarġu 'l barra mill-Eġittu?

_______________________________________________________________(2 marki)

2. Semmi żewġ modi kif Alla wera l-imħabba tiegħu lejn il-poplu Lhudi fil-mixja tiegħu lejn Kangħan.

_______________________________________________________________ (2 marki)

3. Semmi miraklu li għamel Ġesù biex ifarraġ lil min mietlu xi ħadd għażiż.

_______________________________________________________________ (2 marki)

4. Semmi parabbola li qal Ġesù biex juri li Alla dejjem lest jilqa' lill-midneb.

_______________________________________________________________ (2 marki)

5. B'liema mod Alla wera li għamel il-bniedem il-quċċata tal-ħolqien?

_______________________________________________________________ (2 marki)

6. i. Liema xogħol ħalla Ġesù f'idejn San Pietru?

_______________________________________________________________ (2 marki)

ii. Min qed jagħmel dan ix-xogħol illum?

_______________________________________________________________ (2 marki)

7. Liema dnubiet aħna obbligati li nqerru?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)

8. Kif għandna nsumu qabel nitqarbnu?

_______________________________________________________________ (2 marki)

9. Agħti raġuni għaliex in-Nisrani għandu jħallas it-taxxi.

_______________________________________________________________ (2 marki)

10. Semmi żewġ firdiet li ġab id-dnub fil-ħajja tal-bniedem.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2 marki)

**Taqsima B** **(20 Marka)**

Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

**mis-serp, keċċiehom, Għeden, sitt, xbieha, seba', nħbew, ħafna, Alla, kustilja**

1. Alla poġġa lil Adam u 'l Eva fil-Ġnien tal- _______________ .
2. Fl-ewwel rakkont tal-ħolqien, Alla ħalaq id-dinja f'_______________ ijiem u fis-_______________ jum, Alla strieħ.
3. Alla ħalaq il-bniedem _______________ tiegħu.
4. Wara li ħalaq il-bniedem, Alla ra li kollox kien tajjeb _______________ .
5. Skont it-tieni rakkont tal-ħolqien, Alla għamel lill-mara mill-_______________ tar-raġel.
6. Fil-waqgħa tal-bniedem fid-dnub, il-ħażen hu rrappreżentat _____________ .
7. Is-serp qal lill-mara li jekk jieklu mill-frott ta' nofs il-ġnien isiru bħal _______________.
8. Kif kielu mill-frotta, Adam u martu semgħu ħoss il-Mulej u_______________ qalb is-siġar tal-ġnien.

9. Għax Adam u Eva kisru l-kmand ta' Alla, Alla ______________ 'il barra mill-ġnien.

**Taqsima Ċ** **(10 marki))**

Qabel billi timla l-kolonna tan-nofs bin-numru t-tajjeb.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Moskea | | Il-post fejn il-Lhud jitolbu nhar ta' Sibt. |
| 2 | Knisja | | Il-ktieb li fih il-Kelma t'Alla miktuba. |
| 3 | Sinagoga | | L-istat ta' perfezzjoni skont il-buddiżmu. |
| 4 | Koran | | Il-fundatur tal-buddiżmu. |
| 5 | Bibbja | | Twemmin f'ħajja oħra f'din id-dinja wara l-mewt. |
| 6 | Talmud | | Il-post fejn jitolbu l-Musulmani. |
| 7 | Siddharta Guatama | | Il-ktieb sagru tal-Musulmani. |
| 8 | Reinkarnazzjoni | | Belt qaddisa għal-Lhud, għall-Insara u għall-Musulmani. |
| 9 | Nirvana | | Il-post fejn l-Insara jqimu lil Alla. |
| 10 | Ġerusalemm | | Ktieb reliġjuż tal-Lhud. |

**Taqsima D** **(20 marka)**

<u>Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha</u>:

*Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll, wara l-ikla, ħa l-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt il-ġdid li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet: agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi."*

Wieġeb:

1. Liema ġrajja tat-Testment il-Qadim kien qed jiċċelebra Ġesù mal-appostli tiegħu dakinhar li qal dan il-kliem?

_______________________________________________ (2 marki)

2. X'ġara mill-ħobż u mill-inbid meta Ġesù qal: "Dan hu ġismi ... Dan hu demmi"?

_______________________________________________(2 marki)

3. Aħna meta niċċelebraw din il-ġrajja?

_______________________________________________(2 marki)

4. X'nemmnu li jiġri kull meta s-saċerdot jirrepeti dan il-kliem ta' Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________(3 marki)

5. F'liema mument tal-quddiesa ssir din il-bidla?

_______________________________________________

_______________________________________________(3 marki)

6. X'ried ifisser Ġesù bil-kliem "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

7. Kif għandna nippreparaw ruħna biex nirċievu dan is-sagrament?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4 marki)

**Taqsima E** **(30 marka)**

Agħżel **3** minn dawn il-ħames mistoqsijiet u wieġeb kull waħda f'paragrafu differenti.

1. Il-preżenza ta' Ġesù għamlet differenza fil-ħajja ta' ħafna nies li ltaqa' magħhom. Irrakkonta x'differenza għamlet fil-ħajja ta' Żakkew.
2. Ikteb paragrafu dwar id-differenza li jagħmel Ġesù fil-ħajja ta' dawk li jaċċettawh f'ħajjithom.
3. "Mur, u mil-lum 'il quddiem tidnibx iżjed." (Ġw 8,11)

   Irrakkonta l-ġrajja ta' meta Ġesù ltaqa' mal-mara li nqabdet f'adulterju.
4. Ikteb paragrafu dwar kif għandek tipprepara ruħek biex tersaq għas-sagrament tal-Qrar.
5. Din is-sena tgħallimt dwar l-istorja tas-salvazzjoni u ssemmew xi personaġġi bħal a) Abraham b) Mosè ċ) David

   Ikteb paragrafu dwar WIEĦED minn dawn il-personaġġi u għid x'tammira fih u kif tista' tixbhu f'ħajtek biex tkun Nisrani/ja aħjar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________